MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru 6/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Eun Hee Kim**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 6 tas-sena 2012 kontra l-akkuzata Eun Hee Kim li bih hija ġiet akkużata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-30 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, l-akkużata Eun Hee Kim, b'ammissjoni tagħha stess, ddecidiet illi tibda tmexxi u tittraffika illegalment fid-droga (raza tal-cannabis) f'Malta. Illi għal dan il-għan hija ftehmet ma' persuni sabiex iġġib id-droga (raza tal-cannabis) illegalment gewwa Malta, ftehmu fuq id-data, r-rotta tal-ajru u l-mezz kif kienet sa timporta id-droga (raza tal-cannabis) moħbija f'qiegħ falz ta' bagalja.

Illi nhar it-30 ta’ Diċembru 2010 ġiet importata f’Malta illegalment kwantita` kbira ta’ droga (raza tal-cannabis) ta’ kważi għaxar (10) kilogrammi (9.911kg) li kienet intiza sabiex tigi kkonsenjata mill-akkużata għand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f’Malta bi proffit kbir . Illi waqt li membri mid-Drug Squad kienu qed jivvettjaw il-passigieri li kienu ghadhom kif waslu minn fuq flight LX 4370 minn Zurich, li kellha n-numru tal-Air Malta wkoll KM 491, innutaw passiġġiera suspettuża, u cioe` Eun Hee Kim. Illi wara li din twaqqfet u għamlu tfittxija li saret fuqha u fil-bagalja tagħha li kienet qegħda ġġorr magħha instab xjentement moħbi f’qiegħ falz tal-balgalja tagħha kważi ghaxar (10) kilogrammi (9.911kg) tad-droga (raza tal-cannabis) b’valur gholi ta’ €63,529.51, ekwivalenti għal Lm 27,265.88.

Illi biex isehh dan il-pjan maħsub minn qabel li din id-droga (raza tal-cannabis) importata illegalment minn Eun Hee Kim tigi kkunsinnata ġewwa Malta bi skop li tittraffikha, fil-jiem u z-zmien ta’ qabel din id-data, Eun Hee Kim xjentement assoċjat ruħha ma’ persuni oħra barra minn Malta u ġewwa Malta u wara li assoċjat ruħha ftehmet u ikkumbinat l-mezzi li bihom kellha timxi fl-esekuzzjoni ta’ dan il-pjan miftiehem bl-iskop li l-istess droga tigi mibjugħa fis-suq lokali.

Illi b'ghemilha u bl-ammissjoni tagħha stess, l-imsemmija Eun Hee Kim saret ħatja talli assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Eun Hee Kim hatja talli assoċjat ruhha ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew titraffika medicina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni.

Talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi tiġi kkundannata ghal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2329.37) iżda mhux izjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap.101) u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi żmien qabel u dak in-nhar tat-30 ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), b'ammissjoni tal-akkużata Eun Hee Kim stess, ltaqat ma' persuni oħra u sar ftehim sabiex l-akkużata timporta illegalment f'Malta kwantita' kbira tad-droga (raza tal-cannabis) sabiex tbiegħha u tiġi ttrafikata f'Malta. Di fatti hija ftehmet li tiġi lejn Malta minn Zurich, ġewwa l-Isvizzera b'bagalja bid-droga (raża tal-cannabis) moħbija f'qiegħ falz.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, fit-30 ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-akkużata Eun Hee Kim kellha biljett tal-ajru lejn Malta u telqet minn Zurich fl-Isvizzera u waslet Malta fuq titjira LX4370 - KM 491 bid-droga (raza tal-cannabis) xjentement moħbija fil-qiegħ falz ta' bagalja. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkużata niżlet l-art, hija u għaddejja mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ufficjali tal-Pulizija mill-Iskwadra tad-Drug Squad stazzjonati hemmhekk waqqfu lil Eun Hee Kim u, waqt *search* kondotta fuq ħwejjiġha, instabet fl-imsemmija bagalja kwazi ghaxar (10) il-kilogramma (9.911kg) tad-droga (raza tal-cannabis), b'valur għoli ta' €63,529.51, ekwivalenti għal Lm 27,265.88.

Ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluża kkontrollata bil-ligi taħt l-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi, u ma kien hemm ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilha u bl-ammissjoni tagħha stess, l-imsemmija Eun Hee Kim saret ħatja talli importat, ġiegħlet li tigi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tigi importata mediċina perikoluża (raża meħuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellhiex licenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmija Eun Hee Kim  ħatja talli importat, ġiegħlet li tigi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellhiex licenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkużata u illi tiġi kkundannata għal piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) iżda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8(a), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata ghall-htija tal-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuża, u cioe' fit-30 ta' Dicembru elfejn u

ghaxra (2010) Eun Hee Kim waslet Malta u kellha fil-pussess tagħha illegalment ammont kbir ta' kwazi għaxar (10) kilogrammi (9.911kg) tad-droga (raza tal-cannabis), li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha u liema sustanza għandha valur ta' €63,529.51, ekwivalenti għal Lm 27,265.88. Illi b'ammissjoni ta' Eun Hee Kim stess, din id-droga kienet intiża biex tigi kkonsenjata mill-akkuzata għand persuni oħra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi profitt kbir. L-akkużata qatt ma għamlet użu jew abbuzat mid-droga raza tal-cannabis.

Ir-raza meħuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluża kkontrollata bil-ligi taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, u ma kien hemm ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilha u bl-ammissjoni tagħha stess, l-imsemmija Eun Hee Kim saret ħatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga raża mehuda mill-pjanta cannabis li għaliha tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kinitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha u dik id-droga ma kinitx fornuta lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha.

Għaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Eun Hee Kim, ħatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din

ir-raża, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kinitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha u dik id-droga ma kinitx fornita lilha ghall-użu tagħha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha u u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292\39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata għall-htija tal-imsemmija akkużata.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużata Eun Hee Kim, tat-18 ta' Gunju, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata għall-akkużi miġjuba

kontriha, l-piena li għandha tigi inflitta fuqha minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal perjodu ta' tlettax (13) -ilsena flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'jaqsmu Maghha (Kap. 31) u tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), inkluz il-konfiska tfavur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u immobbli tal-istess akkużata.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, 20 ta' Gunju, 2012 l-akkużata, mistoqsija jekk ihiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża, wieġbet billi stqarret li hija kienet ħatja.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatha ftit taż-żmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużata baqgħet jtenni t-tweġiba li hija kienet ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Eun Hee Kim, ħatja talli :

1. fit-30 ta' Dicembru, 2010 u fil-jiem ta' qabel, assoċjat ruhha ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex timporta, tbiegħ jew titraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

2. f'xi żmien qabel u dak in-nhar tat-30 ta' Dicembru, 2010, importat, ġiegħlet li tigi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellhiex licenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li

tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fit-30 ta' Dicembru, 2010, kellha fil-pussess taghha d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li ikollhom bħala bażi din ir-raza, li għalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kinitx awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi (G.N.292\39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tagħha u dik id-droga ma kinitx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħatja u la saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-kondotta ta' qabel tal-ħatja, u iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, u wara li qieset li l-piena suġġerita taqbel ma' dawk inflitta f'każijiet oħra li huma simili iżda mhux identiċi hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom il-ħatja ammettiet il-ħtija tagħha u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxi għat-talba [1]konġuntiva magħmula skont l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li qieset ukoll li l-ewwel u t-tieni akkużi kienu mezz għall-fini sabiex jitwettaq ir-reat ikkontemplat fit-tielet artikolu u li għalhekk japplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, wara rat l-artikoli 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(b)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 23, 20, 17(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-ħatja**, Eun Hee Kim** għall-piena ta' tlettax (13) il-sena priġunerija flimkien ma' multa ta' tlieta u għoxrin elf Euro (€23,000) li jekk ma titħallasx tiġi konvertita f' sena priġunerija, kif ukoll tikkundannha tħallas is-somma ta' elf u tmenin Euro u seba` u tletin ċenteżmi (€1080.37)**,** rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li għandha tigi prezentata fi żmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtiega in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qorti u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

[1] Ara Rikors Konġuntiv tat-18 ta' Gunju, 2012

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------